MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Numru 11/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**Peter Ferdinand Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Peter Ferdinand Sammut ta' 40 sena, bin David u Calcidonia nee` Galea, imwieled Pieta` nhar it-12 ta' Novembru 1966 u joqghod f'fond numru 44, 'L-Ghorfa', Triq San Filippu, Mgarr (Malta) detentur tal-karta ta' l-identita` numru 498366(M) gie akkuzat talli fis-16 ta' Dicembru 2006, ghall-habta ta' xi 02:45am gewwa Hal-Balzan:

1) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mary Rose Farrugia mis-Siggiewi, liema ferita iggib sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' Mary Rose Farrugia mis-Siggiewi, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214 u 216 (1)(b) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

2) u aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara ohra jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` fuq il-vettura b'numru ta' registrazzjoni BBQ-809 ta' Mary Rose Farrugia mis-Siggiewi ghad-detriment ta' l-istess sid liema hsara hija ta' iktar minn (Lm50) hamsin Lira Maltin izda inqas minn (Lm500) hames mitt Lira Maltin u dan bi ksur ta' l-Artiklu 325(1)(b);

3) u aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Mary Rose Farrugia mis-Siggiewi sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmillha hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) u aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) u aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Mary Rose Farrugia mis-Siggiewi weggaghha bi kliem, b'gesti jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' Mary Rose Farrugia u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. RM3 u nnutat li l-imputat Peter Ferdinand Sammut m'ghandux

oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu iddikjara li hu hati ta' l-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u r-raba' akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u r-raba' akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fl-Verbal tas-Seudta tal-lum il-parte civile Mary Rose Farrugia iddikjarat li, fir-rigward tat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda hsara volontarja kagunata mill-imputat, hija llum thallset l-ammont kollu mill-imputat. Inoltre l-istess parte civile iddikjarat li hija qeghda tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tal-lum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Peter Ferdinand Sammut, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza, tat-tieni akkuza u r-raba' akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, li fil-Verbal tas-Seduta tal-lum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u dak li ddikjarat fil-Verbal tas-Seduta tal-lum il-parte civile Mary Rose Farrugia u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat Peter Ferdinand Sammut taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'

Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Rigward it-tielet akkuza u l-hames akkuza migjuba kontra l-imputat tiddikjara procediment esawrit stante ir-rinunzja tal-parte civile Mary Rose Farrugia.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Peter Ferdianand Sammut b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 li jzomm il-kwiet ma' l-istess Mary Rose Farrugia u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Peter Ferdinand Sammut l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------